MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1706/2002

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Lisa Pace**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm187.00c (mija u sebgha u tmenin lira Maltin) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm175.00c (mija u hamsa u sebghin lira Maltin) import ta' hames (5) kambjali li d-data ta' maturita' taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' Lm12.00c (tnax-il lira Maltin) bhala mghaxijiet legali dovuta mill-konvenuta fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------